MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 320/2004

**Media Link Communications Co. Ltd**

**vs**

**Amercian Bistro Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, mitejn u ghaxar Liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (LM2,210.38,0) rapprezentanti prezz ta' reklamar fuq il-mezzi tal-media tas-socjeta' attrici, ordnat mis-socjeta' konvenuta u mhux imhallas skond kif jidher fuq l-istatement anness u mmarkat Dok. A;**

**Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Frar, tas-sena 2003, u cioe' d-data ta' l-ahhar invoice, kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-12 ta' Ottubru tas-sena 2004 meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------